MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2009

Numru. 1138/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Kurt Grima u**
**Michael Rizzo**

Kumpilazzjoni Numru: 1138/2008

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Michael Rizzo**, ta' 31 sena, iben Emanuel u Doris nee' Spiteri imwieled Pieta' fil-20 ta' April, 1977 u residenti fil-fond 33, Triq Haz Zabbar, Rahal il-Gdid u detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 223577 (M)

U

**Kurt Grima** ta’ 23 sena, iben Mario u Irene nee’ Galea, imwieled Pieta` fis-17 ta’ Frar, 1985 u residenti 167, Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 138785(M).

U akkuzati talli:

1. Fis-17 ta’ Novembru, 2008 ghal-habta tal-11:00hrs gewwa l-fond (blokka bini qeghda tinbena) fi Triq Mons. Frangisk Xuereb, Rahal Gdid ikkommettew serq ta’ 23 ‘Construction Jack’ liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett, mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta’ John Galea miz-Zurrieq.

2. Ukoll talli fis-17 ta’ Novembru, 2008 u/jew wara din id-data f’ dawn il-gzejjer, xjentemnet laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa u cioe` Construction Jacks xjentement b’ kull mod li jkun, ndahlu biex ibieghu jew imexxu l-imsemmija oggetti.

3. Akkuzati wkoll talli rrendew ruhhom recidivi ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huma diga gew misjuba hatja permezz ta’ diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

4. Lil Kurt Grima wahdu akkuzat talli kiser il-provediment ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta imposti fuqu permezz ta’ sentenzi datati 18 ta’ Ottubru, 2007 u 11 ta’ Jannar, 2007 fejn l-istess Kurt Grima kien misjub hati ta’ ghadd ta’ reati fosthom droga u serq.

Rat l-kunsens ta’l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt is-seduta mizmuma nhar l-20 ta’ Novembru 2008 l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba

kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, 289 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijijet ta’ Malta.

Semghat ix-xhieda u t-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali inkluz il-pre-sentencing reports fil-konfront ta’ kull wiehed mill-imputati.

Ikkunsidrat

Illi t-tieni akkuza inghatat bhala alternativa ghall-ewwel; il-Qorti ghalhekk, in vista ta’l-ammissjoni ta’l-imputati, ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputazzjonijiet l-ohra gew ammessi; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati in kwistjoni u minn-naha l-ohra l-koperazzjoni ta’l-imputati mal-pulizija u l-ammissjoni taghhom f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazjzoni ukoll l-fatt li l-ogetti misruqa gew ritornati.

Illi pero mill-atti jirrizulta li minkejja l-eta taghhom z-zewg imputati ghadhom fedina penali refrettarja. Minkejja l-opportunitajiet li nghataw ghadhom ma tghallmu assolutament xejn, u jidher li m’ghandhom l-ebda rieda li almenu jippruvaw jibdlu hajjiethom. Dan huwa konfermat mill-pre-sentencing reports li gew imhejjija mill-probation officers u mix-xhieda ta’ l-istess probation officers.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tasteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, u

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu

446 tal-Ligijijet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil **Kurt Grima** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghat-tieni wahda u tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija; u

Wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c), 263, 267, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lil imputat **Michael Rizzo** hati ta'l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghat-tieni wahda u tikkundannah sittax il-xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------